MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIO MERCIECA**

Seduta tad-29 ta' Dicembru, 2004

Talba Numru. 75/2004

**Mario u Pauline konjugi Gauci**

**vs**

**Etienne u Marita konjugi Micallef**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

"Peress illi l-konvenuti ghandhom ihallsu lill-atturi s-somma ta' sitt mija u seba' u hamsin lira u hmistax il-centezmu (LM657.15c0m) ta' xoghol ta' spray painting u panel beating kif ukoll xiri ta' parts kif jirrisulta mid-Dokument 'A' hawn anness.

Peress illi l-istess konvenuti ghalkemm interpellati ghal istess fini qeghdin jirrifjutaw li jhallsu;

Jghidu l-istess konvenuti ghaliex dan it-Tribunal m'ghandux:

Jikkundannahom ihallsu lill-atturi s-somma ta' sitt mija u seba' u hamsin lira u hmistax il-centezmu (Lm657.15c0m) xoghol ta' spray painting u panel beating u xiri ta' parts, kif intqal hawn fuq.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra bonarja tas-17 ta' Lulju 2004 u bl-ingunzjoni tal-istess konvenuti ghas-subizzjoni. Bl-imghaxijiet skond il-ligi mid-data meta tlesta x-xoghol u cioe' fl-24 ta' Dicembru 2003."

Ra r-risposta:

"1. Il-konvenuta Marita Micallef mhix il-legittimu kuntradittur ghaliex qatt ma kellha xi ftehim mal-attur aktar u aktar li x-xoghol minnu sar qabel iz-zwieg taghha ma' Etienne Micallef.

2. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt stante illi:-
(i) ix-xoghol ma sarx skond l-arti u s-sengha tant li z-zebgha tqaxxret kollha u l-vettura kellha terga tigi sprayed.
(ii) ix-xoghol tlesta xhur wara z-zmien miftiehem.
(iii) l-ammont pretiz huwa ferm aktar mill-istima miftehma.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja."

Sema' l-provi;

Ra l-vettura li fuqha sar ix-xoghol in kwistjoni;

Ikkunsidra:

Dwar l-ewwel eccezzjoni: l-atturi bl-ebda mod ma wrew l-ghala Marita Micallef ghandha tkun parti f'din il-kawza u ghalhekk qieghda tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

Rigward l-eccezzjoni li x-xoghol tlesta xhur wara z-zmien miftiehem, dan ma giex ippruvat fuq bilanc ta' probabiltajiet: hemm zewg verzjonijiet konfliggenti bejn l-atturi u l-konvenut u t-tnejn huma possibbli; l-ebda wahda ma hija iktar verosimili mill-ohra: ghalhekk din l-eccezzjoni qieghda tigi respinta fuq il-massima ta' *actore non probante reus absolvitur.* Barra minn hekk, anke kieku kellu jigi ammess li x-xoghol dam ma gie esegwit, ma giet prodotta l-ebda prova dwar danni risultanti mid-dewmien.

Lanqas giet ippruvata l-eccezzjoni li l-ammont pretiz huwa ferm iktar minn dak miftiehem.

Fl-ahharnett, lanqas ma gie ppruvat li x-xoghol ma giex esegwit skond is-sengha u l-arti. Jirrizulta li l-konvenut ilmenta mal-attur dwar xi tracci zghar ta' tbajja li kienu jidhru li huma sadid; l-attur offra li jirrimedjahom; il-konvenut mar ghand certu Joseph Caruana li nehha dawn l-allegati tbajja immedjatament u qallu li dawn ma kinux sadid imma effett tad-dinitrol. Caruana, prodott bhala xhud mill-konvenut innifsu, xehed li ghalih ix-xoghol - esegwit mill-attur - kien sewwa (fol 48). Il-konvenut allega wkoll li l-bieba ta' wara ma kinitx mahduma sewwa mill-konvenut tant li kellu jbiddilha. L-attur qal mill-ewwel fid-deposizzjoni tieghu li huwa minnu li l-bieba ma saritx skond is-sengha u l-arti izda li huwa ghamilha fuq talba specifika tal-konvenut wara li wissieh li huwa ma kellux is-sengha mehtiega biex jaghmel bieba ghax ma kinitx parti minn xogholu, li huwa li jaqta' s-sadid u jisprejja (fol 17). Di piu' huwa qatt ma dahhal ix-xoghol jew il-materjali involvut fil-fabbrikazzjoni ta' din il-bieba fil-kont tieghu (ibid); ghax ghamilielu bi pjacir.

Dan it-Tribunal b'mod generali jaghti iktar affidament lid-deposizzjoni tal-attur li kienet wahda konsistenti milli dik tal-konvenut li f'parti mportanti minnha tinstab kontradetta b'mod inekwivoku minn xhud prodott minnu stess.

L-ammont pretiz mill-attur gie sodisfacentement ippruvat.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici billi jikkundanna lill-konvenut ghall-hlas ta' LM657.15c bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra bonarja tas-17.07.2004 a kariku tal-konvenut, hlief ghall-ispejjez tal-konvenuta li ghandhom jigu sopportati mill-atturi, b'dan li l-imghax legali jiddekorri biss mid-data ta' din id-decizjoni, sal-eventwali hlas effettiv.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------